

# Premier School of Football tintroduċi l-F.A. Soccer Star Challenge

● Premier School of Football li tinsab ġewwa l-Mosta ġiet imwaqqfa fis-sena 2005 bil-għan li tipprovdi l-opportunità lil subien ta' bejn is-seba' u l-erbgħatax il-sena, li jkunu jridu jtejbu l-kapaċitajiet tekniċi neċessarji għal-logħba tal-futbol.

Dan b'mod mill-aktar professjonali. Attenzjoni ndividwali tingħata lil kull student biex dawn jibdew jemmnu fihom infushom u jrawmu karattru sod.

Dan l-aħħar, biex ikomplu jespandu s-servizzi li joffru, Premier School of Football introduċiet programm ta' taħriġ magħruf bħala F.A. Soccer Star Challenge.

Dan huwa programm immirat lejn subien u bniet ta' bejn is-sitta u sittax il-sena u jinkludi taħriġ u logħob biex jgħin lit-tfal jitgħallmu t-teknkia neċessarja għall-futbol u jiġu wkoll ittestjati b'mod sempliċi iżda ta' min joqgħod fuqu.

Il-programm jiffoka fuq sitt aspetti differenti tat-teknika tal-futbol, jiġifieri il-ġiri bil-ballun, tidwir bil-ballun, logħob bir-ras, l-ispeed, id-dribbling u shooting.

Jiġi provdut taħriġ speċifiku u logħob għal kull teknika partikolari filwaqt li testijiet sempliċi juru l-abbiltà teknika milħuqa min kull individwu.

Dawn it-testijiet tas-Soccer Star Challenge ġew maħluqa minn Professor Tim Holt ta' l-Università ta' Southampton wara riċerka fuq aktar minn 10,000 subien u bniet. Huma ġew ippruvati li juru b'ċertezza ta' l-fuq min 90% l-livelli differenti t' abbiltajiet.

Is-Soccer Star Challenge Scheme hija mħaddma fil-fuq minn 20 pajjiż differenti u għal-daqstant hija meqjusa bħala l-akbar skema ta' stima oġġettiva ta' l-abbiltajiet tekniċi ta' plejers żgħar.

Kowċes kwalifikati tal-Premier School of Football se jkunu jmexxu l-F.A. Soccer Star Challenge Scheme fil-kumpless tagħhom fil-Mosta.

Ġenituri li jixtiequ aktar dettalji fuq din l-iskema għandhom iċemplu lis-Sur Alex Delia fuq 99470423 jew lis-Sur Carl Attard fuq 99459607.